MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tad-19 ta' April, 2004

Talba Numru. 417/2004

**GasanMamo Insurance Limited**
**Vs**

**Joseph Grima f'ismu proprju u ezercenti l-kummerc taht l-isem "J & S Car Hire"**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm301.27 (tlett mija u lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu) dovuti ghal hlas indebitu u rifuzjoni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 ta' Novembru 2003 u bl-interessi kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-3 ta’ Marzu 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-5 ta’ April 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------